# IS-SURMASTRIJIET CARLO U FRANKIE DIACONO

## TISLIMA LILL-MIBKI MRO. CARLO DIACONO



Carlo Diacono twieled iż-Żejtun, fl-1876, minn familja ta' tradizzjoni mużikali kbira. Tant li fl-eta' ta' 10 snin, lil Carlo diġa' nsibuh li kien idoqq tajjeb fl-udit l-organett, kien ukoll joħloq strumenti u jgħallem idoqqhom lil ħbiebu. Il-mużika, Carlo kien wiritha mingħand missieru Grezzju, li kien mużiċista u direttur tal-Banda Beland. Carlo nsibuh i kien idoqq ma' din il-Banda u fl-eta' ta' 11-il sena beda l-istudji sekondarji tiegħu fil-Liċeo. Huwa tgħallem l-armonija għand missieru stess, u f'din l-eta' taħt l-istess direzzjoni ta' missieru, beda jikkomponi mużika sagra, igħallimha lit-tfal u jsegwiha fil-festi tal-knejjes iż-żgħar taż-Żejtun. Hekk li fi żmien qasir beda jesegwixxi servizzi sagri bl-"Scuola Cantorum" tiegħu fl-irħula bħaż-Żejtun, Ħal Għaxaq, Ħal Safi w ż-Żurrieq.

F'dan iż-żmien, huwa kompla tgħallem il-mużika fl-Istitut tal-Mużika li kien fetaħ f'Malta Mro. Paolino Vassallo; li dan għaraf it-talent li kellu Carlo. Huwa tgħallem iżjed l-armonija, il-kontrapont, il-fuga, l-istrumentazzjoni u sar kompożitur; tgħallem ukoll il-pjanuforti u l-orgni u sar pjanista w organista. Hekk li fl-eta' ta' 16-il sena nsibuh li kien organista fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Katarina fiż-Żejtun, u direttur tal-Banda Beland ta' l-istess raħal.

Il-kompożizzjonijiet mużikali ta' Mro. Carlo Diacono qalgħu l-ogħla tifħir minn Surmastrijiet u Kompożituri famużi Maltin u barranin ta' żmienu. Mons. Lorenzo Perosi kien qal lil Carlo Diacono: "il-mużika tiegħek hi ta' għajnuna fid-dwejjaq tiegħi". Pietro Mascagni kkummenta: "Diacono ma jafx ir-rikkezza tat-talent mużikali li għandu".

Ix-xogħolijiet mużikali tiegħu ġew esegwiti f'Londra, Ruma u l-Kajr. Huwa kien imfittex ħafna għas-servizzi mużikali, fl-1913 insibuh li jsir Surmast Direttur tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla u fl-1923 sar Maestro di Cappella tal-Katidral ta' l-Imdina; liema post dam jokkupah sa mewtu li ġrat meta kellu 66 sena, nhar l-14 ta' Ġunju, 1942.

Is-Surmast Carlo Diacono kien mużiċista, kontrapunista, kompożitur, pjanista, organista u direttur ta' fibra qawwija. Il-kompożizzjonijiet tiegħu huma numerużi u jkopru kull taqsima ta' kompożizzjonijiet mużikali. Fost l-aqwa xogħolijiet magħrufa nsemmu l-opra "l-Alpino", l-oratorju "San Paola a Naufrago" u l-"Messa di Gloria Eb Major". Fil-fatt huma ħafna l-kompożizzjonijiet profani u sagri tiegħu li hawn ma jistax ikun li wieħed joqgħod isemmihom kollha. Iżda l-aktar xogħolijiet popolari tiegħu jibqgħu speċjalment, dawk il-kompożizzjonijiet mużikali liturġiċi li hu mar jikkomponi għall-knejjes tagħna u li kienu u għadhom jindaqqu fil-festi ta' l-ibliet u l-irħula tagħna.




**L-Innu ta' Mro. Frankie Diacono li ġie rregalat lill-Banda La Stella Levantina**



## TISLIMA LILL-FRANKIE DIACONO



Frankie kien iben Mro. Carlo Diacono, twieled fl-1914. Minn fost ħutu, hu biss tgħallem il-mużika minn għand missieru. Fl-eta' żgħira, tgħallem tajjeb il-pjanuforti u l-orgni u beda jgħin lil missieru fis-servizz mużikali li kien ikollu fil-knejjes. Minn għand missieru huwa wiret ukoll id-direzzjoni mużikali.

Fl-eta' ta' 14-il sena, kien diġa jagħmilha ta' l-organista w iżjed tard beda jesegwixxi mużika sagra fil-knejjes iż-żgħar tal-Belt u ta' l-irħula. Kif ukoll beda jidderieġi mużika ta' missieru fi knejjes kbar u ġieli ukoll idderieġa fil-Katidral ta' l-Imdina u fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann tal-Belt, fi żmien meta missieru Carlo, kien il-Maestro di Cappella tal-Katidral.

Frankie kien ta' għajnuna kbira lil missieru, huwa kien jgħallem u jikkonċerta lill-kantanti, koristi u solisti, u kien anke jissostitwixxi lil missieru f'kull bżonn. Wara l-mewt tiegħu, Frankie baqa' imexxi l-mużika ta' missieru fil-knejjes kollha fejn kien jidderieġi hu, fosthom Ħ'Attard..

Fost il-kompożizzjonijiet magħrufa ta' Mro. Frankie Diacono, insibu "Tarantella" miktuba għal żewġ vjolini u vjolinċell, li din kienet ġiet it-tieni fil-Kompetizzjoni Mużikali għal fuq ir-Rediffusion fl-1957. "Meditazione" għall-vjolin u orkestra, "Ave Maria" dwett għat-tenur u għall-baxx; "Pagina d'Album" għall-klarinett solo w orkestra u Innu lill-Assunta għal Solisti, Kor u Orkestra fl-okkażjoni tad=Domma ta' l-Assunta fl-1950.

Dan l-aħħar Mro. Frankie Diacono, esegwixxa wkoll żewġ kunċerti verament tassew sbieħ, b'kompożizzjoni mużikali tiegħu w ta' missieru. Dawn saru, wieħed fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann il-Belt, nhar il-25 ta' Novembru, 1987 u l-ieħor sar propju fit-3 ta' Marzu 1987, fil-Katidral ta' l-Imdina, u ieħor fil-5 ta' Diċembru 1987 fil-knisja Arċipretali, Għajnsielem, Għawdex.

**Referenzi:**

Rob. Mifsud Bonnici, "Mużiċisti Kompożituri Maltin - maestri di Cappella tal-Kattidral" (Malta 1950), pp. 37-41.
Rob. Mifsud Bonnici, "Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Nieraħ u tal-Lum" (Malta 1951), pp. 61-68.